# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum il-Ġimgħa, 7 ta' Lulju, 2023

**Kawża Nru. 2**

**Rik. Nru. 53/2022 ISB**

**Fl-atti ta' l-ittra uffiċċjali numru 1535/22 ppreżentata fil-21 ta' April, 2022 fl-ismijiet:**

**Reġistratur tal-Kumpaniji**

**vs**

**Marco Attard**

**Trillium Investments Co Ltd**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** tar-rikorrent **Marco Attard (KI 40657G)** u s-soċjeta rikorrenti **Trillium Investments Co Limited**, intavolat fit-13 ta' Mejju 2022, li permezz tiegħu ppermetta:-

*Illi r-rikorrent ġew notifikati b'ittra a tenur ta' l-Artikolu 401(4) ta' l-Att dwar il-Kumpaniji li permezz tagħha ir-Reġistratur qed jitlob ħlas ta' tmint elef, mitejn u tnejn u tmenin Euro rappreżentanti penali;*

*Illi preliminarjament, l-esponenti jissottomettu illi dina l-ittra kellha tiġi ppreżentata fil-Qorti t'Għawdex fis-Sezzjoni tal-Kummerċ u dana stante illi ż-żewġ esponenti huma residenti Għawdex u sa minn dejjem irrisjedaw b'mod permanenti ġewwa Għawdex;*

*Illi fit-tieni lok, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti għamlu diversi tentattivi kemm permezz tal-Avukat sottoskritt kif ukoll tal-Awditur tal-kumpanija sabiex juru li huma kellhom raġunijiet validi għalfejn ir-returns relattivi damu ma ġew sottomessi iżda r-Reġistratur tal-Kumpaniji qatt ma kkomunika lura lill-Avukati sottoskritt;*

*Illi fit-tielet lok, l-penali huma iktar mis-somma li effettivament kienet dovuta u dana huwa projbit mil-liġi;*

*Illi fir-raba' lok parti mill-ammont pretiż jirriżulta li huwa preskritt bil-liġi.*

Rat **id-digriet** tagħha, tal-1 ta' Ġunju 2022, minn fejn jirrizulta illi r-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tat-8 ta' Lulju 2022 fl-10:15 a.m., u fejn kienet ordnata n-notifika tar-rikors lir-Reġistratur tal-Kumpaniji b'għoxrin jum żmien għar-risposta.

Rat **ir-risposta** tar-Reġistratur tal-Kumpaniji intavolata fil-7 ta' Lulju 2022, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. *Illi r-rikorrenti naqsu milli juru liema parti mill-penalitajiet illi, skont huma preskritti jew li mhux dovuti skont l-Artikolu 427(3) tal-Att dwar il-Kumpanniji,*

2. *Illi għar-rigward tat-tieni eċċezzjoni speċifikata fir-rikors promotur, ta' minn wieħed issemmi,illi qabel m' aċċetta il-posizzjoni ta' direttur fil-kumpanija de quo dan kellhu jaċċerta ruħhu dwar l-affarjiet tal-kumpanija.Il-fatt illi hu ta' l-kunsens tiegħu sabiex jiġi maħtur uffiċjal ewlieni tal-kumpanija de quo kien qiegħed jidħol fiz-zarbun tal-uffiċjali li kien hemm qablu.Illi ta' min jgħid ukoll illi minn meta ġie maħtur s-Sur Marco Aquilina ,iġifieri fis-sena 2010 ma għamel ebda sforz sabiex jirregolarizza l-affarjiiet tal-kumpanija de quo;*

3. *Illi, dato ma non concesso, il-kumpanija hija bound in solidum mal-uffiċjali tagħha u għalhekk bl-ebda modd ma' tista teskapola minn talli responsabbilita.L-Artikolu 184 jobbliga lill kull kumpanija sabiex tagħmel prospett annwali fil-forma preskritta mill-Att ,liema prospett*

*għandhu juri l-ħwejjeġ tal-kumpanija kif kienu fid-data tal-anniversarju tar-reġistrazzjoni tagħha;*

4. *Ir-rikkorenti qatt ma ħassu il-bzonn illi jirranġaw l-affarjiet tal-kumpanija vis-a- vis l-Att. Dan minkejja korrispondenza diversa minn naħa tal-esponenti. Dan qiegħed issir issa biss fil-proċeduri odjerni wara illi r-Reġistratur mxiet sabiex tibgħat l-ittra uffiċjali imsemmija fir-rikors promotur;*

5. *Illi l-fatt illi ntqal fir-rikors promotur l-final warning ntbagħtet lill Marco Aquilina, b' dan l-ebda mod ma jirrifletti jew inaqqas mir-responsabbilita tal-uffiċjali l-oħra jew minn dik tal-kumpanija de quo. Huwa prinċipju illi joħroġ kjarament mill-Att huwa illi l-uffiċjali tal-kumpanija huma bound in solidum bejnithom u kemm mal-kumpanija għal xi nuqqasijiet vis-à-vis l-istess Att;*

6. *Illi iktar minn hekk ta' min issemmi illi tali avviz huwa wieħed illi jinbagħat mill-esponenti huwa sempliċement reminder sabiex dak li jkun jieħu l-passi meħtieġa sabiex jieħu ħsieb irranġa n-nuqqasijiet tal-kumpanija qabel mal-esponenti tkompli biex tmexxi formalment bl-ittra uffiċjali. Għaldaqstant l-esponenti m'għandha ebda obbligu legali illi tara illi tali avviz jintbagħat lill kull min hu nvolut fil-kumpanija;*

7. *Illi r-rikkorrent, Marco Aquilina, huwa nvolut f'diversi kumpaniji u għalhekk għandhu ikun konxju sewwa dwar l-obbligi u d-dmirijiet tiegħu għal dak illi għandhu x' jaqsam mal-Att dwar il-Kumpanniji. Ta' minn jinotta illi r-rikorrent kien involut f' ħames kumpaniji partikolari illi minħabba n-nuqqas ta' oservazzjoni tal-obbligi tiegħu ġew suġġetti u mħassra bid-defunct procedure ai termini tal-Artikolu 325 tal-Att. Dan kif proprju kien sejjer jiġri fil-kaz partikolari,illi kieku ma kienx hemm oġġezzjoni, l-isem tal-kumpanija in kwistjoni kien sejjer jispiċċa mħassar minn fuq ir-Reġistru skont id-dispozzjoni tal-Artikolu imsemmi iġifieri l-Artikolu 325;*

8. *Illi għal kuntrarju ta' dak li ntqal fir-rikors promotur ir-Reġistratur kienet ċara u mexxiet skont l-liġi billi speċifikat l-elementi kollha meħtieġa taħt l-Artikolu 401 (3) tal-Att. Illi fl-istess waqt ta' min issemmi illi l-esponenti tikkwantifka bl-one per cent tal-massimu illi jipprovdi l-Att fl-Hdax l-Iskeda tiegħu;*

9. *Illi għal-kuntrarju ta' dak li ntqal fir-rikors promotur l-ħlasijiet dovuti joħorġu kjarament u direttament mill-Att u għalhekk fondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt.*

Rat illi fl-udjenza tat-8 ta' Lulju 2022 deher l-Avukat Joseph Grech għar-rikorrenti u l-Avukat Claudette Fenech għar-Reġistratur intimat.

Rat illi f'dik l-istess udjenza, bi qbil bejn il-partijiet, il-kawża ġiet differita għall-provi kollha u trattazzjoni dwar l-ewwel eċċezzjoni mressqa mir-Reġistratur intimat.

Rat illi fl-udjenza tas-17 ta' Marzu 2023, id-difensur tal-intimat infurmat lill-Qorti li hija kienet qed tirtira l-ewwel eċċezzjoni mressqa mill-intimat fir-risposta tiegħu.

Rat illi fl-udjenza tat-2 ta' Ġunju 2023, l-Qorti osservat li l-kawża kienet tħalliet għall-provi kollha tar-rikorrenti u innotat li għat-tielet darba r-rikorrenti u/jew id-difensuri tagħhom ma dehrux u għalhekk ddikjarat il-provi tar-rikorrenti magħluqa.

Rat ukoll illi fl-udjenza tat-2 ta' Ġunju 2023, id-difensur tal-intimat Registratur iddikjarat li m'għandhiex provi x'tipproduċi stante li r-rikorrenti ma ressqu l-ebda prova.

Rat illi l-kawża ġiet differita għall-udjenza ta' llum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirriżulta illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrenti in segwitu għall-ittra uffiċjali bir-referenza 1535/22, fejn ir-rikorrenti ġew interpellati mir-Reġistratur intimat sabiex iħallsu is-somma ta' tmint elef, mitejn u tnejn u tmenin ċenteżmu (€8,282) rappreżentanti penali li ġew inkorsi mir-rikorrenti minħabba li allegatament huma kienu naqsu milli josservaw il-provvedimenti tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, għal liema pretensjonijiet ir-rikorrenti qeghdin joġġezzjonaw.

Isostnu li l-ittra kellha tiġi ppreżentata fil-Qorti t'Għawdex fis-Sezzjoni tal-Kummerċ u dana stante illi ż-żewġ esponenti huma residenti Għawdex u sa minn dejjem irrisjedew b'mod permanenti ġewwa Għawdex.

Isostnu wkoll li għamlu diversi tentattivi kemm permezz tal-Avukat u kif ukoll tal-Awditur tal-kumpanija sabiex juru li huma kellhom raġunijiet validi għalfejn ir-*returns* relattivi damu ma ġew sottomessi iżda r-Reġistratur intimat qatt ma wieġeb.

Jikkontendu wkoll li l-penali huma iktar mis-somma li effettivament kienet dovuta u dana huwa projbit mil-liġi.

B'żieda ma dan jikkontendu li parti mill-ammont pretiż huwa preskritt bil-liġi.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Minn naħa tiegħu l-**intimat Reġistratur tal-Kumpaniji** jgħid li s-soċjeta' rikorrenti Trillium Investments Co Ltd kienet ġiet reġistrata fil-11 ta' Frar 1993 u matul il-perjodu taż-żmien ta' kemm ilha reġistrata naqset milli tibgħat kontijiet u prospetti annwali skont kif jitlob minnha l-Att *in vigore* dak iż-żmien. Jgħid li fil-fatt l-aħħar kont illi ntbagħat kien tas-sena 2009 li ġie sottomess fis-sena 2013.

Jispjega li dawn in-nuqqasijiet waslu lir-Reġistratur sabiex joħroġ il-penali skont l-artikoli relevanti tal-Att dwar il-Kumpaniji 1995 u għalhekk kemm il-kumpaniji u kif ukoll l-uffiċjali tagħha ġew suġġetti għal penali li baqgħu jiżdied stante l-inadempjenza tar-rikorrenti u dan ai termini tal-Artikoli 183(6) u 184(3) tal-Att dwar il-Kumpaniji tal-Kap 386, kif ukoll l-artikolu 427(4) tal-istess att.

Isostni li għalhekk is-somma ta' tmint elef, mitejn u tnejn u tmenin ċenteżmu (€8,282) hi dovuta u li l-ittra uffiċjali numru 1535/22 datata 21 ta' April 2022, hija valida fil-liġi.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Il-proċedura dwar kif persuna tappella minn avviż dwar Penali imposti mir-Reġistratur tal-Kumpaniji tinsab fl-artikolu 401(3) sa (16) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, li jgħidu testwalment hekk:

> *(3) Meta r-Reġistratur jagħti avviż bil-miktub lil xi persuna lidik il-persuna saret suġġetta għal penali taħt dan l-Att li jispeċifikax-xorta tal-ksur tal-liġi u jindika ammont dovut bħala penali għaldak ir-reat, il-persuna li lilha jkun ingħata l-avviż titqies, bla ħsaragħad-dispożizzjonijiet tas-subartikoli minn (4) sa (17), li tkun weħlet penali taħt dan l-Att, kif ukoll xi penali dovuta għal kull jumli matulu n-nuqqas ikompli u l-ammont indikat kif intqal qabel li hu dovut bħala penali għandu jitqies li jkun il-penali dovut taħt dan l-Att għall-ksur tal-liġi speċifikat fl-avviż*

*(4) Avviż kif imsemmi fis-subartikolu (3) għandu, man-notifika ta' kopja tiegħu bil-mezz ta' att ġudizzjarju lill-persuna murija fl-avviż, jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-effetti u l-finijiet kollha tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili kemm-il darba dikil-persuna fi żmien tletin jum mid-data ta' dik in-notifika ma tibdixproċedimenti quddiem il-qorti fejn toġġezzjona għall-penali hekkstabbilita.*

*(5) Meta xi persuna tkun tixtieq tibda proċedimenti biex toġġezzjona għal penali imsemmija fis-subartikolu (3), dawk il-proċedimenti għandhom jibdew b'rikors kontra r-Reġistratur.*

*(6) Ir-rikors għandu, taħt piena ta' nullità, jgħid b'mod ċar u fil-qosor ix-xorta tal-oġġezzjoni, il-fatti li minnhom inqalgħet l-oġġezzjoni, ir-raġunijiet għaliex dik l-oġġezzjoni għandha tkun milqugħa, u t-talba li l-penali ma tkunx dovuta skont il-liġi tkun dovuta skont il-liġi f'ammont iżgħar.*

*(7) Il-qorti ma għandiex tannulla jew tnaqqas penali kif intqal qabel kemm-il darba dik il-penali ma tkunx tista' skont il-liġi tkun imposta fiċ-ċirkostanzi tal-każ, jew ma tistax skont il-liġi tkun imposta fl-ammont stabbilit mir-Reġistratur.*

*(8) Ir-rikorrent għandu jehmeż mar-rikors dawk id-dokumenti kollha li jsostnu t-talba tiegħu li jkun jista' jipproduċi, u għandu jindika fir-rikors tiegħu l-ismijiet tax-xhieda kollha li jkun bi ħsiebu jressaq u jgħid, dwar kull wieħed, il-prova li jkun bi ħsiebu jagħmel.*

*(9) Il-qorti għandha, mingħajr dewmien, tqiegħed ir-rikors għas-smigħ f'data kmieni, liema data ma għandha f'ebda każ tkun iktar tard minn tletin jum mid-data tal-preżentata tar-rikors.*

*(10) Ir-rikors, u l-avviż tad-data stabbilita għas-smigħ, ikunu notifikati lir-Reġistratur mingħajr dewmien, u l-imsemmi Reġistratur għandu jippreżenta r-risposta tiegħu fi żmien ħmistax-il jum mid-data tan-notifika tar-rikors.*

*(11) Ir-Reġistratur għandu, fir-risposta tiegħu, jgħid b'mod ċar u fil-qosor jekk jaqbilx mal-fatti dikjarati fir-rikors, u r-raġunijiet għaliex joġġezzjona għat-talba; dan għandu ukoll jiddikjara fir-*

*risposta tiegħu x-xhieda li jsostnu r-raġunijiet tiegħu u jehmeżmagħha d-dokumenti kollha li jsostnuhom.*

*(12) Fil-jum stabbilit għas-smigħ tar-rikors, il-qorti għandha tikkunsidra l-kwistjonijiet ta' fatt u ta' liġi li jistgħu jkunu biss aċċertati mir-rikors, risposta jew dokumenti ppreżentati, minn kull waħda mill-partijiet, jew mix-xiehda ndikati minn kull waħda mill-partijiet fir-rikors jew fir-risposta, skont il-każ, jew mis-sottomissjonijiet verbali ta' kull waħda mill-partijiet.*

*(13) Il-qorti għandha tisma' r-rikors sakemm ikun mitmum fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol mid-data stabbilita għas-smigħ oriġinali tar-rikors, u ma jingħata ebda aġġornament ħlief jew bil-kunsens taż-żewġ partijiet, jew għal raġuni eċċezzjonali li tkun reġistrata mill-qorti, u dik id-data aġġornata għandha tkun mhux iktar tard minn dak li hu ġustifikat għal dik ir-raġuni.*

*(14) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu,id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u ProċeduraĊivili dwar provedimenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandhom japplikaw dwar kull rikors bħal dak.*

*(15) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 256(2) tal-Kodiċita' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, it-titolu eżekutiv imsemmi fis-subartikolu (4) ma jkunx jista' jiġi nfurzat qabel ma jgħaddu tletin jum min-notifika tal-att ġudizzjarju hemmhekk imsemmi.*

*(16) Id-deċiżjoni tal-qorti fuq rikors imsemmi fis-subartikolu(5), li tikkonferma l-impożizzjoni ta' penali stabbilita mir-Reġistratur jew li tnaqqas dik il-penali, għandha, meta ssir res judicata,titqies li hi deċiżjoni tal-qorti li tordna l-ħlas mir-rikorrent tal-penali kif konfermata jew imnaqqsa.*

Il-Qorti tosserva li f'dan il-każ, ir-rikkorenti intavolaw rikors li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 401(6), iżda r-rekwiżiti tal-Artikolu 401(8) mhumiex sodisfatti stante li r-rikorrenti ma ppreżentaw l-ebda dokument sabiex isostnu r-raġunijiet għall-appell tagħhom. Tant hu hekk li r-rikorrenti lanqas biss ippreżentaw kopja tal-istess ittra uffiċjali li qeghdin joġġezzjonaw minnha. Oltre` minn hekk u nonostante dan, din il-Qorti allokat diversi xhur lir-rikorrenti sabiex iressqu l-provi tagħhom iżda dawn baqgħu inadempjenti u saħansitra lanqas biss dehru quddiem din il-Qorti fid-dati u l-ħin allokati lilhom sabiex jagħmlu u jsostnu l-argumenti tagħhom.

Għalhekk, fin-nuqqas ta' provi ċari dwar għala l-ammont pretiż mir-Reġistratur intimat mhuwiex dovut, din il-Qorti m'għandha l-ebda xelta oħra għajr li tiċħad t-talbiet tar-rikorrenti fl-intier tagħhom.

**GĦALDAQSTANT**, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, il-Qorti qed tiċħad it-talbiet tar-rikorrent u dana billi tiddikjara t-talba tar-Reġistratur tal-Kumpaniji dedotta fl-ittra uffiċjali tal-21 ta' April 2022, ossija ittra uffiċjali numru 1535/22 bħala valida fil-liġi u konsegwentament s-somma ta' tmint' elef, mitejn u tnejn u tmenin ċenteżmu (€8,282) bħala dovuta mir-rikorrenti in solidum favur ir-Reġistratur intimat.

L-ispejjeż ta' dawn il-proceduri jkunu a kariku tar-rikorrenti flimkien u in solidum bejniethom.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**